Festa Titulari ta'

# SANTA MARIJA

L-Imqabba 2017





# Ir-rikorsi tal-Imqabbin b'risq il-knisja tagħhom fl-ewwel 25 sena ta' wara l-qerda tal-gwerra

© Kan. Dr Jonathan Farrugia S.Th.D. (Romae)

Ħamsa u sebgħin sena ilu kważi nġiebet fix-xejn il-ħidma ta' aktar minn żewġ sekli li l-Imqabbin, immexxijin mis-saċerdoti tagħhom, wettqu b'imħabba biex jibnu u jsebbħu l-knisja tagħhom iddedikata lill-Assunzjoni tal-Madonna. Ħafna milli għamlu tar mal-isplużjoni tal-bombi nhar id-9 ta' April 1942 fis-12:45... iżda l-istorja ma waqfitx hemm, dakinhar tat-traġedja. L-Imqabbin, nies ta' ħila, reġgħu qamu fuq saqajhom wara l-qerda ta' raħalhom u mmexxijin minn kappillan Imqabbi li ħabb lil raħal twelidu li għaraf juża bl-aħjar mod il-ġenerożità tagħhom bħala poplu, ħadmu pass pass biex ħafna minn dak li ntilef jerġa' jiġi akkwistat.



A Sua Eccellenza Reverendissima
Mons. Michele Gonzi
Arcivescovo, Vescovo di Malta

Umile ricorso di
Carmelo Caruana
Procuratore della Confraternita
della Concezione di Micabiba

reverentemente espone,
che dovendo pagare la somma di dieci sterline per il ristauro della statua della B. V. della Concezione, danneggiata nel crollo della chiesa parrocchiale;
che dovendo far fare una nicchia di legno per la medesima statua giusta il disegno qui allegato, nicchia che costa la somma di lire sterline quindici, giacchè la precedente nicchia trovasi nella parte danneggiata della chiesa;
domanda umilmente l'Eccellenza Vostra Reverendissima a che gli conceda per le opere suddette la grazia di ritirare la somma di lire venti, appartenenti alla medesima confraternita, depositati per semplice sicura custodia nella Cassa delle Pie Amministrazioni con cedola [illegible] d'ordine 5737.

E della grazia
Carmelo Caruana
Procuratore

Rikors għar-restawr statwa tal-Immakulata

Fl-okkażjoni tal-ġublew tal-platinu tal-ikreh jum fl-istorja tal-Imqabba, ser nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-ħeġġa tal-Imqabbin wara dan l-avveniment mil-lenti tar-rikorsi li saru mill-kappillan u mill-retturi tal-kongregazzjonijiet għall-bini mill-ġdid tal-knisja parrokkjali tal-Assunta u għat-tagħmir tagħha. Il-biċċa l-kbira minnhom ħarġu fil-pubbliku għall-ewwel darba fil-wirja li saret fil-knisja fid-9 ta' April 2017; il-kontenut tagħhom kollha miġburin flimkien qed jiġi ppubblikat hawn għall-ewwel darba, u ppreżentat b'mod kronoloġiku skont id-data meta dawn ġew preżentati fil-kurja tal-Arċisqof.

**26 ta' April 1944:** L-ewwel rikors li jinsab fl-arkivju arċiveskovili sar minn Carmelo Caruana, il-prokuratur tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni, li fih



A Sua Ecc.za Rev.ma
Mons. Michele Gonzi D.D.,
Metropolita delle Isole Maltesi,
Arcivescovo di Malta
ecc. ecc.

Umile ricorso del [illegible] Mangion, quale Procuratore [illegible] della Micabiba.

Il ricorrente umilmente espone
che in data 20 Novembre 1945 il governo concesse il permesso richiesto per la ricostruzione della parte della Chiesa Parrocchiale danneggiata dal nemico il 9 Aprile 1942;
che, essendo il lavoro sarà esclusivamente diretto per ciò che riguarda la costruzione dal perito architetto Andrea Micallef di [illegible] e dal ricorrente per ciò che riguarda i pagamenti degli operai, è richiesta una somma di denaro per poter fare i pagamenti finchè il governo pagherà i primi conti presentatigli dal suddetto perito architetto;
che la somma richiesta per poter incominciare il lavoro deve superare il cinquecento sterline, siccome il governo non intende accettare conti inferiori a questa quota;
che la Chiesa Parrocchiale della Micabiba possiede la somma di novecento sterline come denaro libero depositato presso l'ufficio della Cassa Pie Amministrazioni della Curia;
che il ricorrente depositerà il capitale ritirato presso la Cassa Pie Amministrazioni come denaro libero della Chiesa Parrocchiale appena il governo pagherà i primi conti che gli saranno presentati;
che/

Rikors biex jibda l-bini mill-ġdid tal-knisja



*Diżinn tas-sedji u l-bażi tal-gallarija*



*Diżinn tas-sedji ta' wara u l-gallarija*

jitlob permess li jiġbed is-somma ta' £20 mill-bank tal-Knisja (il-*Cassa delle Pie Amministrazioni*) biex minnhom iħallas **it-tiswija tal-ħsara li saret fil-vara tal-Madonna tal-Ġilju** (hawn u fir-rikorsi kollha li jikkonċernawha msejjħa "B.V. della Concezione" jew "l-Immacolata") li kellu jiswa £10 **u biex issir niċċa tal-injam** biex fiha tinżamm l-istatwa sakemm titlesta tiswija tal-bini. Din kellha tiswa £15. Nifhmu li kellu xi ħaġa tal-flus f'idejh diġà biex jilħaq is-somma ta' £25. Il-permess ingħata fit-3 ta' Mejju. Ir-restawr tal-vara sar fiż-Żurrieq u meta nġiebet lura fl-Imqabba d-devoti ħarġu jilqgħuha fuq il-Mentna. Sakemm reġgħet tpoġġiet fin-niċċa tagħha fejn tinsab illum, il-vara kienet tinżamm ġon-niċċa li llum tinsab fil-kappella tad-Duluri u kienet imqiegħda fil-kursija ħdejn il-bieb li jagħti għan-naħa tal-kappellun tar-Rużarju[1].

**24 ta' Novembru 1945:** wara li waqgħet il-koppla tal-knisja flimkien mas-saqaf tal-kor u tal-kappellun tal-Agunija, is-servizzi liturġiċi ġew trasferiti għall-kappella ta' San Bażilju, li ġa kienet serviet bħala sede parrokkjali bejn l-1598 u l-1607. Wara xi żmien ittella' ħajt li għalaq il-kursija mill-bqija tal-knisja u s-servizzi reġgħu bdew isiru hemm. Ir-rikors li jġib id-data tal-24 ta' Novembru 1945 itina dettall importantissimu li s'issa għadu ma deherx f'pubblikazzjonijiet lokali: il-Gvern ħareġ il-permess biex tibda t-tiswija tal-knisja fl-20 ta' Novembru 1945. Parti mill-ispiża kellha titħallas mill-*War Damage Fund*, imma din ovvjament ma ġietx mill-ewwel. F'dan ir-rikors il-kappillan Mangion **jitlob li jiġbed is-somma ta' £580** – li kienu nġabru mir-raħal fl-1943 u depożitati fil-bank tal-Knisja fis-16 ta' Marzu 1945 – **biex bihom jibda jħallas il-bini mill-ġdid tal-knisja**. Il-perit kien Andrea Micallef u l-ħaddiema, skont ir-reġistru tal-ħlasijiet, kienu Salvu Bezzina, Baskal Xuereb, Ġużeppi Ellul, Ġużeppi Farrugia, Toni Xuereb, Pawlu Abdilla, Karmnu Damanin, Ġużeppi Facciol, Manwel Zammit, Ġanni Farrugia, Wiġi Cassar, Ċensu Vella, Gawdenz Coleiro, Luqa Ellul, Ġorġ Mallia, Ġużeppi Gatt, Ġanni Caruana u Ġerard Abdilla. Mangion jitkellem dwar l-urġenza biex jingħata l-permess, li jingħata jumejn wara, biex ikun jista' jibda x-xogħol mingħajr aktar telf ta' żmien[2].

**20 ta' Marzu 1946:** sa erba' xhur wara li ngħata l-permess biex tibda t-tiswija, il-Gvern ma kien għadu ħallas l-ebda parti mill-ispejjeż u jidher li l-£580 li Dun Gerard kien ġibed f'Novembru 1945 kienu spiċċaw, u għalhekk **jitlob li jiġbed £180 oħra biex ikompli bil-ħlasijiet** u b'hekk ix-xogħol ma jieqafx. Dal-flus kienu nġabru minn xi lotteriji organizzati mill-parroċċa




*Disinn koppla minn ġewwa*




*Disinn tal-koppla minn barra*

b'risq il-bini tal-knisja u kienu ġew depożitati fil-bank tal-Knisja fis-6 ta' Ottubru 1945. Il-kappillan ingħata l-permess jieħu dawn il-flus fis-27 ta' Marzu[3].

**13 ta' Mejju 1946:** għaddew xahrejn oħra u l-Gvern kien għadu ma bediex iħallas, għalhekk **il-kappillan talab li jiġbed £200 oħra** li kien iddepożita fil-bank tal-Knisja fis-27 ta' Novembru 1942. Dal-flus kienu akkumulaw minn xi avvanzi li kien fadal mill-qligħ tal-Veneranda Lampade tal-Imqabba, u għaldaqstant ma kienux marbutin biex jintużaw għal xi proġett speċifiku. Ir-raġuni li jġib dun Ġerard biex jieħu dal-flus hija li ma xtaqx li x-xogħol jitwaqqaf sakemm il-Gvern jagħti sehmu, u jwiegħed li l-flus jerġa' jpoġġihom hemm meta jirċevihom mingħand il-Gvern. Il-permess ingħata fl-20 ta' Mejju[4].


A SUA ECCELLENZA REVERENDISSIMA
MONS. MICHELE GONZI D.D.
METROPOLITA DELLE ISOLE MALTESI
ARCIVESCOVO DI MALTA
ecc. ecc.

Umile ricorso del Rev. Gerardo Mangion, Parroco della [illegible].

Il ricorrente espone reverentemente

che il 9 aprile, 1942, bombe nemiche danneggiarono gravemente la Chiesa Parrocchiale della [illegible], distruggendo completamente il transetto sinistro, il coro e la cupola, oltre la Sacrestia e la camera sopra la Sacrestia;

che il 20 novembre, 1946, il Governo, dietro domanda del ricorrente, concesse il permesso richiesto per la ricostruzione delle parti danneggiate della Parrocchiale;

che il lavoro della fabbrica e' quasi al completo; manca soltanto la ricostruzione della cupola;

che il perito-ingegnere – il signor Andrea Micallef di Casal Luca – sottomettendo alla Vostra considerazione il disegno della cupola nuova all'esterno e all'interno, crede opportuno che la cupola sia piu' alta del campanile circa quattro piedi;

che lo spessore della nuova cupola sara' di tre piedi meno di quello che era in origine;

che l'ordine della Chiesa e' ionico mentre quello della cupola sara' corinto;

che dal punto di vista architettonico le alterazioni nella nuova cupola saranno certamente in perfetta armonia col resto della Chiesa; le quali alterazioni sono minime all'interno in particolare;

quindi il ricorrente umilmente prega l'Eccellenza Vostra Reverendissima perche' si degni approvare il disegno sottoposto alla Vostra considerazione perche' si possa continuare la rispettiva ricostruzione entro il minor tempo possibile.

E della grazia ecc

Sac. Gerardo Mangion
Parroco.

1 maggio, 1947.

*Rikors għall-bini tal-koppla*

**1 ta' Mejju 1947:** spiss qrajna f'pubblikazzjonijiet lokali li l-koppla kienet lesta jew kważi fl-1947. Dan jidher li mhux il-każ, għax kien fl-1 ta' Mejju ta' dik is-sena li l-kappillan Mangion kiteb ir-rikors biex **tibda tinbena l-koppla skont il-pjanta l-ġdida magħmula mill-perit Andrea Micallef**; dan ġie ppreżentat fil-kurja fil-5 tax-xahar. Id-diżinn il-ġdid ġie approvat fil-21 ta' Mejju, għalhekk diffiċli ħafna li x-xogħol tlesta dik is-sena stess. Ir-rikors itina diversi dettalji ta' min jinnuthom: jissemma li apparti l-koppla nqerdu wkoll il-kappellun tax-xellug (tal-Agunija), il-kor, is-sagristija u l-kamra ta' fuqha; li sa dakinhar it-tiswija tas-soqfa, tal-kappellun u tas-sagristija kienet lesta; li skont il-pjanta l-ġdida ta' Micallef il-koppla kellha tiġi erba' piedi għola mill-kampnar u tliet piedi idjeq mill-kopla ta' qabel. Rigward l-istil tad-dekorazzjoni tal-koppla jgħid li kellu jkun skont l-ordni korintu peress li l-knisja mibnija skont l-ordni joniku. Il-kappillan – żgur immexxi mill-perit li ħażżeż il-pjanta – jkompli li l-varjazzjoni fil-koppla kien se jkun f'armonija perfetta mal-bqija tal-knisja u li minn ġewwa l-alterazzjonijiet kienu se jkunu mill-inqas. Dawn iż-żewġ punti tal-aħħar probabilment tniżżlu biex il-pjanta tiġi aċċettata għax fir-realtà l-istil tal-koppla l-ġdida ma qabel xejn mal-bqija tal-knisja (apparti milli l-koppla ġiet għola aktar minn erba' piedi mill-kampnar!), waqt li l-intern tal-koppla ġie kompletament differenti minn kif kienet l-antika, tant li mhux possibbli li tiġi dekorata kif kienet dik ta' qabel bl-anġli bejn it-twieqi u b'xena waħda fil-parti ta' fuq[5].


A Sua Eccellenza Reverendissima
Mons. Michele Gonzi D.D.
Metropolita delle Isole Maltesi
Arcivescovo di Malta
ecc. ecc.

Umile ricorso di Antonio Mallia

E della grazia ecc.

Antonio Mallia

*Rikors għall-pittura tal-Agunija*

**12 ta' Jannar 1948:** fost l-opri ta' arti li ntilfu imma li spiss jiġi injurati minħabba li mhumiex marbutin ma' waħda mill-festi tar-raħal hemm il-kwadri li kien hemm fuq l-artal tal-Agunija, jiġifieri tal-Kruċifissjoni u tal-Annunzjata. B'xorti ħażina ma nafu bl-ebda ritratt li fih jidhru l-verżjonijiet l-antiki ta' dal-pitturi. Tajjeb ngħidu li oriġinarjament l-artal

kien iddedikat lill-Annunzjata, iżda mbagħad bidel it-titular tiegħu wara li fuqu twaqqfet is-Sodalità tal-Agonizzanti fl-1674. Il-kwadru tal-Annunzjata li fl-antik kien fuq dan l-artal jinsab fis-sagristija l-qadima. Tliet snin wara li ntemmet il-gwerra, u meta x-xogħol fil-kappellun kien spiċċa, il-prokuratur tas-Sodalità tal-Agunija, Antonio Mallia, li kien ukoll is-sagristan tal-knisja, għamel rikors biex issir **pittura ġdida tal-Kruċifissjoni** għal fuq dan l-artal. Fih jispjega li l-pittura l-antika kienet ta' pittur mhux magħruf, u li l-ġdida kienet se ssir minn E.X. Cremona tal-Ħamrun. L-istima kienet ta' £80 li minnhom il-Gvern ħallas nofshom. Mallia għalhekk flimkien ma' dan ir-rikors ippreżenta l-abbozz tal-pittura l-ġdida u talab biex dan jiġi approvat u li hu jingħata l-permess juża £40 mill-flus tas-Sodalità biex jitħallas il-pittur. Interessanti li fir-rikors insibu deskrizzjoni sempliċi ta' x'kellha turi l-pittura: "*un quadro rappreżentante la Crocifissione di Nostro Signore, con la Vergine e l-Apostolo Giovanni ai lati*". Fuq in-naħa ta' wara tar-rikors insibu r-rakkomandazzjoni tal-kappillan biex din il-pittura ssir ladarba hija indispensabbli u peress li s-Sodalità kellha f'idejha madwar £200. Jidher li l-abbozz ma ntogħġobx kompletament mill-kummissjoni tal-arti u tal-antikità għax ir-rappreżentat tagħha talab biex tinbidel il-figura ta' Kristu u biex il-pittura tiġi armonizzata aktar mal-ambjent li fih trid titpoġġa. Il-permess ingħata fis-27 ta' Frar[6]. Il-pittur E.X. Cremona m'hu ħadd għajr il-famuż Emvin Cremona, u din kienet waħda mill-ewwel xogħlijiet tiegħu li sabu posthom fi knisja. Ħasra li ma napprezzawx aktar teżor bħal dan. Jidher li Cremona aċċetta l-parir li ngħata mill-kummissjoni għaliex uża kromatika li taqbel mal-bqija tal-pitturi, ħaġa li ma ttieħditx in konsiderazzjoni minn Cleto Luzzi meta pitter il-kwadru l-ġdid tal-Immakulata.

**14 ta' April 1948:** F'dan ir-rikors il-kappillan Mangion jispjega li fost l-affarijiet li ntilfu kien hemm l-orgni tal-knisja parrokkjali li kien inxtara mid-Ditta ta' Pacifico Inzoli fl-1905, u li l-Gvern kien ta s-somma ta' £500 bħala kumpens biex jinxtara **orgni ġdid**. Intant il-kappillan kien ġa qabbad lill-maestro di cappella[7] s-Surmast Paolo Nani jidħol f'kuntatt mad-ditta Tamburini ta' Crema. L-orgni li xtaq jordna l-kappillan fuq parir ta' Nani kien jiswa £950. Mangion jispjega li kien ġa ġabar £150 mingħand xi benefatturi u jitlob li jkun jista' jiġbed id-differenza mill-kont tal-parroċċa biex ikun jista' jpoġġi l-ordni biex jinxtara dan l-orgni. Rappreżentant tal-Kurja kkontrolla l-fondi tal-parroċċa u problemi ma nstabux. Il-permess ingħata fit-30 ta' April[8].

**29 ta' Ottubru 1948:** hawn insibu rikors ieħor marbut mal-orgni l-ġdid. Mangion ifakkar dak li kien intalab u ingħata fir-rikors tal-14 ta' April, jiġifieri li hu ordna orgni mingħand id-ditta Tamburini permezz tal-aġent Nani li kellu l-ħanut il-Belt. Mangion ġie infurmat li kellu **jħallas l-ewwel £700** ftit taż-żmien wara li poġġa l-ordni, u jitlob li jiġbed dan l-ammont



***Rikors għall-orgni ġdid***

mill-kont tal-parroċċa fil-bank tal-Knisja. Ifakkar li fit-12 ta' Mejju 1948 hu kien iddepożita £1000 li minnhom £500 kienu ngħataw mill-Gvern għall-orgni l-ġdid u l-bqija kienu l-qliegħ li baqa' minn sensiela ta' lotteriji li saru fl-aħħar tliet snin. Il-permess ingħata l-għada[9].

**1 Diċembru 1948:** Fir-rikors li jġib din id-data, il-kappillan Mangion jispjega li bil-ħidma tal-għadu nqerdu s-sedji tal-kor u l-gallarija tal-orgni, u jgħid li l-perit tal-knisja, Andrea Micallef, qabbad lid-diżinjatur Emmanuel Buhagiar biex iħażżeż diżinn għas-**sedji u l-gallarija l-ġodda**. Mangion jispjega kif is-sedji tad-diżinn jikkorrispondu perfettament ma' dawk li kien hemm qabel il-gwerra; il-gallarija mill-banda l-oħra jgħidilna li hija differenti peress li l-antika kellha l-kolonni imma fil-ġdida ġew evitati biex jinqatgħu l-ispejjeż. Mangion jafferma wkoll li d-diżinn kien jaqbel mal-ordni joniku-korintu tal-bqija tal-knisja u jispeċifika li l-prospettiva tal-orgni ma kienetx se tiġi esegwita kif tidher fid-diżinn li kien hemm anness minħabba li l-orgni ll-ġdid ma kienx jeħtieġha. L-ispejjeż kellhom jitħallsu kollha mill-*War Damage Fund*. Fl-aħħar il-kappillan jitlob il-permess biex il-kummissjoni taċċetta d-diżinn biex ikun jista' jinbeda x-xogħol[10]. Id-diżinn ġie approvat u l-permess ħareġ fl-4 ta' Diċembru. Buhagiar kien diġà ħadem il-bankun ta' Santa Marija fl-1928 għall-Imqabba, għalhekk kien

hemm il-garanzija li xogħolu se jintogħġob. Fil-fatt ftit snin wara ġie mqabbad iħażżeż u jaħdem il-bankun tal-Madonna tal-Ġilju. Imma jekk nagħtu daqqa t'għajn lejn id-diżinn naraw li l-prodott finali kien ferm differenti minn dak li ġie propost. Is-sedji segwew id-diżinn, imma l-gallarija hija ħafna aktar semplifikata. Ninnutaw li l-prospettiva ma saritx, kif jgħid Mangion fir-rikors (veru ħasra għax kienet verament regali), id-diżinn tal-gallarija huwa aktar sempliċi, u l-parti li kellha tgħaqqad il-gallarija mas-sedji ma saritx. Ir-rużuni li hemm biex jimlew il-vojt saru fuq diżinn ta' Carmelo Tonna aktar tard, fl-1961.

**17 ta' Jannar 1949:** fl-aħħar rikors marbut mal-akkwist tal-orgni l-ġdid ta' Tamburini, Mangion jitlob biex jiġbed aktar flus biex ikun jista' jħallas il-bqija tal-ispiża. F'dan, iżda, meta jsemmi d-depiżitu ta' flus li għamel fit-12 ta' Mejju 1948 jagħti xi dettalji li ma jaqblux mat-tnejn ta' qabel. Hawn jgħid li l-Gvern ikkontribwixxa s-somma ta' £630 u li t-£370 l-oħra kien parti mill-flus tal-parroċċa. Ifakkar li kien ġa ħa £700 biex jagħmel l-ewwel pagament, u jitlob li jieħu dak li kien baqa' biex iħallas il-bqija meta l-orgni jsib postu fil-knisja parrokkjai matul ix-xahar ta' wara, jiġifieri fi Frar 1949. Jidher li d-diskrepanza fid-dettalji ħarbitilhom għax m'hemm l-ebda nota. Mangion ingħata l-permess jieħu l-flus li kien fadal fil-5 ta' Frar[11].



*Rikors għall-paviment tal-irħam*

**4 ta' Diċembru 1950:** Tajjeb ngħidu li meta kien sar il-presbiterju tal-irħam fis-sena 1907 il-proġett ma kienx estiż għall-knisja kollha, u milli jidher anqas ma kien il-pjan. Nafu fil-fatt li tul is-snin qliel tal-gwerra kien għadu jsir id-dfin fil-knisja parrokkjali sakemm fl-1949 ġie inawgurat iċ-ċimiterju tan-Nazzarenu li qabel kien jintuża biss għad-dfin ta' nies b'xi mard li jittieħed[12]. Wara l-gwerra meta kien għaddej ħafna xogħol ta' ristrutturar u milli jidher id-donazzjonijiet tal-Imqabbin kienu qed irendu aktar milli kien meħtieġ, Dun Ġerard ħa l-okkażjoni biex **jiksi l-art tal-knisja kollha bl-irħam**, proġett li ġie finalizzat fl-1952, bħalma turi l-lapida eżatt kif tidħol mill-bieb il-kbir tal-knisja. Ir-rikors għal dan ix-xogħol ġie milqugħ fit-18 ta' Diċembru 1950. Fih il-kappillan Mangion jikteb li Baskal Xuereb kien ġa ħejja diżinn bil-kulur għall-art u li x-xogħol kellu jsir mid-Ditta Bonavia ta' Birkirkara waqt li l-irħam li kellu jintuża kien *bianco Carrara*, *nero del Belgio*, *giallo Mori* u *granito Repen*. L-ispiża kellha titla' għal £1700 u din kellha tinġabar mill-parruċċani u minn xi benefatturi li ġa kienu wegħduh xi somom konsiderevoli ta' flus. Flimkien mar-rikors kienu ġew preżentati wkoll żewġ kopji tad-diżinn: wieħed tal-kulur u l-ieħor bil-linji biss. B'xorti ħażin kopja ta' dan id-diżinn ma nstabitx la fl-arkivju tal-Kurja u l-anqas fl-arkivju parrokkjali. Il-Kummissjoni aċċettat id-diżinn nhar il-15 ta' Diċembru imma kienet tal-parir li flok il-*giallo Mori* jintuża xi isfar ieħor aktar b'saħħtu[13].

**25 ta' Lulju 1952:** ir-rikors li jġib din id-data jirrigwarda **l-istatwa tal-ġebel ta' Santa Marija li hemm tiddomina fil-pjazza tar-raħal**. Dik li kien hemm oriġinarjament kienet inqerdet dakinhar il-waqgħet il-knisja. Ladarba r-rikors biex issir mill-ġdid sar mill-kappillan jurina li din kienet proprjetà tal-parroċċa. Xejn ma huwa magħruf dwar l-istatwa l-oriġinali; nafu kif kienet mill-ftit ritratti li tidher fihom. L-aħjar fosthom kien ġie ppubblikat għall-ewwel darba f'sett ta' ritratti antiki maħruġa mill-parroċċa fuq inizjattiva tiegħi u mħallsin minni fl-2011. Ir-ras ta' din l-istatwa kienet inġabret mit-tifrik minn Rokku Camilleri u nżammet fil-familja għal 50 sena, sakemm fl-1992 din ingħatat lis-Soċjetà Santa Marija fejn għadha titgawda sal-lum. Tajjeb infakkru li fl-irħula l-antiki kważi dejjem kienet titpoġġa statwa tal-patrun f'nofs il-pjazza fejn kienet tidher minn kullħadd u minnfejn kienet turi lill-barranin lil min kienet iddedikata l-parroċċa minn qabel ma jidħlu fil-knisja. Fir-rikors għall-istatwa l-ġdida l-kappillan jispeċifika li l-Gvern ma ta l-ebda kontribuzzjoni biex din titwaqqaf mill-ġdid, probabilment għax ma kienetx oġġett indispensabbli bħalma kienet it-tiswija u tal-knisja u xi ħaġa li għandha użu speċifiku għal-liturġija bħalma kien l-orgni. Mangion ikompli jgħid li benefattur offra li jħallas biex isiru mill-ġdid il-pedestall u l-istatwa u li din kellha ssir mill-iskultur Marco Montebello. Jissemma wkoll li kien ġa sar mudell tagħha u



A SUA ECC.ZA REV.MA
MONS. MICHELE GONZI D.D.
ASSISTENTE AL TRONO PONTIF.
METROPOLITA DELLA PROVINCIA MALTESE
ARCIVESCOVO DI MALTA
ECC ECC

Umile ricorso del Parroco Gerardo Mangion della Mica[illegible].

Il ricorrente umilmente espone

che la Statua di Santa Maria insieme col piedistallo scolpiti in pietra che si trovavano nella Piazza della Chiesa alla Mica[illegible] sono stati del tutto distrutti dall'azione nemica il 9 aprile 1942;

che il Governo non ha contribuito un soldo per la ricostruzione e l'erezione di detti piedistallo e Statua;

che un benefattore della Mica[illegible], desiderando rinnovare a sue spese il piedistallo e la Statua distrutti, ha dato l'incarico al signor Marco Montebello di Casal Tarxien, Annunciation Street, No 55, di farne il modello per poter poi, dietro i debiti permessi eseguirlo;

Quindi il ricorrente umilmente prega l'Ecc.za Vostra rev.ma perche' si degni incaricare la Commissione per le Nuove opere d'arte di recarsi dal detto signor Montebello ove si trova attualmente l'abbozzo per la debita approvazione di detto abbozzo e di concedergli il permesso necessario perche' si ponga l'ordine presso detto signor Marco Montebello.

E della grazia ecc.

Don Gerardo Mangion
Parroco.

Presentato il dì 25 Luglio 1952
duplicato

12 Agosto 1952.

*Rikors għall-istatwa tal-pjazza*

l-kappillan jitlob lill-Kummissjoni biex tmur tarah fl-istudju li kellu Montebello f'Raħal Ġdid jew fid-dar tiegħu f'Ħal Tarxien. Ir-rikors fih nota li l-Kummissjoni rat u approvat l-abbozz nhar it-12 ta' Awwissu 1952 u l-permess ingħata fis-17 ta' Awwissu. Jidher li nħolqu xi intoppi għax l-istatwa ġiet inawgurata tmien snin wara, fl-1960. Jista' jkun li Montebello kellu ħafna xogħol. Tajjeb ngħidu li Montebello kien wieħed mill-aqwa skulturi fil-ġebla li rat Malta fis-snin ta' wara l-gwerra u għall-Imqabba kien ġa naqqax l-istatwa monumentali tal-Assunta li hemm fuq il-każin, li kienet l-ewwel statwa mwaqqfa minn Soċjetà f'raħalna, nhar it-22 ta' Ġunju 1952. Il-viċinanza tad-data ta' meta twaqqfet din l-istatwa u meta sar ir-rikors għal dik tal-pjazza turi li l-Imqabbin kienu sodisfatti b'xogħolu, u probabbli kien dan li wassal lill-benefattur Spiridione Schembri biex jagħżel lilu. Aktar tard għamel ukoll il-monument għall-qabar tas-saċerdoti fl-1967 u l-istatwa ta' Kristu Rxoxt fl-1971 fiċ-ċimiterju tar-raħal[14].

**30 ta' Lulju 1952:** biċċa informazzjoni li qatt ma ssemmiet qabel għandha x'taqsam mal-knisja tal-Addolorata. Mir-rikors li sar minn Dun Ġużepp Xuereb nitgħallmu li din il-knisja maħbuba kienet ukoll ġarrbet xi ħsarat. L-apparat li kellha kien jinżamm fil-knisja parrokkjali minħabba li l-Addolorata m'għandiex sagristija annessa magħha, u dan intilef kollu fid-9 ta' April 1942. Apparti minn hekk Dun Ġużepp jgħidilna wkoll li l-kampnar saritlu xi ħasara, kif ukoll il-bieb. Bħala kumpens il-*War Damage Fund* tat lill-parroċċa £72 għal din il-knisja żgħira u Xuereb hawn jitlob permess biex juża xi ħaġa minnhom biex **isewwi l-kampnar u l-bieb**. Milli jidher l-awtoritajiet tal-Kurja riedu aktar dettalji, għax mar-rikors hemm annessa ittra miktuba minn Dun Ġużepp fl-20 ta' Awwissu li tgħid li b'kollox l-istima tal-infiq kienet ta' £34, li minnhom £24 kellhom imorru għand il-bennej Giovanni Bondin għall-kampnar u £11 kellhom imorru għand il-mastrudaxxa Innocenzo Farrugia għall-bieb. Din l-informazzjoni kienet biżżejjed u l-permess biex ix-xogħol isir ħareġ fil-25 ta' Awwissu.[15]



375
52

Presentato il dì 30 Luglio 1952

*Rikors għat-tiswija tad-Duluri*

**3 ta' Diċembru 1952:** Fost l-opri tal-arti li ntilfu meta waqgħet is-sagristija u l-kamra ta' fuqha kien hemm il-bankun l-antik tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju, li kien sar fl-1914 mis-Senglean Saverio Oliva u li kien

fih xi xogħol ta' interzjar. L-unika parti li salvat kienet il-bradella (il-parti li tinġarr fil-purċissjoni) u din inbiegħet lill-parroċċa tal-Marsa fejn illum tinsab iġġor l-istatwa ta' Marija Reġina. Fiha għadu jista' jiġi apprezzat ftit mix-xogħol ta' dekorazzjoni li kellu dal-bankun. Fir-rikors li sar ftit ġranet qabel il-festa tal-Immakulata tal-1952, il-prokuratur tal-Fratellanza tal-Immakulata Dun Ġużepp Xuereb jitlob li jsir **bankun ġdid għall-vara tal-Immakulata** biex jieħu post dan li ntilef. Fir-rikors jikteb li qabel il-gwerra l-istatwa tal-Immakulata kienet tkun esposta fuq bradella rikka mogħnija bi skultura u b'interzjar, imma li din intilfet. Jilmenta li għal għaxar snin l-istatwa kienet qed titpoġġa fuq kaxxa komuni tal-injam li kienet titgħatta bi drapp aħmar biex taħbi l-miżerja u l-indiċenza tagħha. Jgħid li kienet ix-xewqa tal-pubbliku li jsir bankun ġdid, li jkun diċenti u jixraq lill-istatwa artistika li kellha ġġorr. Flimkien mar-rikors kien hemm ritratt tad-diżinn li kien ħażżeż Emmanuel Buhagiar għal dan il-bankun. Hemm nota li l-kappillan ra r-rikors, bħalma huwa xieraq. Id-diżinn ġie approvat mill-Kummissjoni fl-10 ta' Diċembru u l-permess biex jinbeda x-xogħol ħareġ ħamest ijiem wara[16]. Il-bankun u l-bradella l-ġodda ġew inawgurati fl-1954.

**5 ta' Awwissu 1953:** snin ilu, meta kont ktibt artiklu fuq il-kwadru tal-inkurunazzjoni tal-Madonna kont semmejt li kien hemm għidut li kien hemm il-ħsieb li dan jinbidel ma' pittura ta' San Ġużepp, l-istess kif kien inbidel dak tal-Immakulata, wara li sar l-isfreġju fuq dawn iż-żewġ artali. Wara li ġie ppubblikat l-artiklu kont ġejt ikkritikat minn uħud li din kienet biss qlajja. Milli jidher ma kienetx għax fil-5 ta' Awwissu 1953 Dun Gerard Mangion kien fil-fatt għamel rikors biex tinxtara **pittura li turi lil San Ġużepp u lit-tfajjel Ġesù** biex tieħu post dik antika li turi l-inkurunazzjoni tal-Madonna. Il-kappillan jirrakkonta kif hu kien qiegħed fl-istudju ta' Rafel Bonnici Calì xi ġranet qabel u hemm ra pittura oriġinali tal-qaddis li setgħet faċilment tiġi mixtrija u mwaħħla f'postha sal-festa titulari ta' dik is-sena stess, meta kellha tiġi inawgurata. Bħala raġunijiet għalfejn kellu jinbidel il-kwadru hu jsemmi li n-nies kienu ilhom bix-xewqa li jkollhom altar proprju tal-Għarus tal-Madonna, kif ukoll li skont xi "esperti" l-pittura l-antika ma kellha l-ebda valur artistiku. Flimkien mar-rikors kien hemm ukoll żewġ ritratt ta' din il-pittura ġdida, li sfortunatament ma nstabux[17]. Dun Ġerard jidher li kien ċert li l-permess se jingħatalu għax ir-rikors għamlu fil-5 ta' Awwissu u ried iżanżnu għal Santa Marija, jiġifieri għaxart ijiem wara. L-affari tidher li kienet diġà maħduma minn qabel u hemm diversi fatturi li jattestaw għal din l-ipoteżi. Bonnici Calì għamel diversi xogħlijiet għall-Imqabba wara l-gwerra, fosthom is-soprakwadri tal-altari tal-Agunija, tal-Immakulata u tal-Inkurunazzjoni, iċ-ċelu tat-tużell u l-istazzjonijiet tal-Via Sagra li ntilfu. M'hemm xejn li jwaqqafna milli nemmnu li ma dawn ġiet ikkummissjonata wkoll pittura ta' San Ġużepp. Barra minn hekk, is-soprakwadru l-oriġinali


A Sua Eccza Rev.ma
Mons. Michele Gonzi D.D.
Arcivescovo di Malta
ecc. ecc.

Umile ricorso di Don Gerardo
Mangion, Parroco della Micabba

Il ricorrente umilmente espone
che da tempo è stato un vivo desiderio di diversi
parrocchiani della Micabba di sostituire l'attuale
quadro detto di San Giuseppe, posto nell'omonimo
altare eretto nella Chiesa Parrocchiale, con uno nuovo,
dato che l'attuale quadro, nell'opinione di persone
competenti, è privo di ogni valore artistico;
che giorni or sono il ricorrente s'incontrò nello
studio del signor Raffaele Bonnici Calì in un dipinto
originale rappresentante San Giuseppe con Gesù fan-
ciullo - di cui due fotografie si trovano annesse al
presente ricorso - adatto a suo parere perchè venga
acquistato per sostituire il quadro antico.
che se sarà possibile il nuovo quadro verrà
inaugurato per la prossima Festa Titolare;
Quindi il ricorrente umilmente prega l'Eccza
Vostra Rev.ma perchè si degni dare una decisione
sulla convenienza o meno di detta sostituzione e
nel caso affermativo autorizzare il ricorrente per
poter acquistare il quadro originale del signor
Bonnici Calì.
Che della grazia ecc.
Don Gerardo Mangion
Parroco
[illegible] il 5 Agosto 1953
[illegible]

*Rikors għall-pittura ta' San Ġużepp*

tal-altar tal-Inkurunazzjoni kien ta' San Rokku, iżda dak li hemm illum – magħmul minn Bonnici Calì wara l-gwerra u wara sar l-isfreġju fuq l-artal biex jiġi pariġġ tal-Immakulata – jirraffigura lill-Madonna inkurunata mal-Missier Etern; dan juri li ġa meta tkissret il-prospettiva tal-artal u tpoġġa s-soprakwadru l-ġdid kien hemm il-ħsieb li l-pittura ewlenija tinbidel ukoll għax ma tagħmilx sens li jkollok żewġ pitturi juru l-istess ħaġa fuq l-istess artal. U fl-aħħar, hija kumbinazzjoni stramba wisq li nzertat instabet pittura li kienet tidħol perfettament fil-gwarniċ tal-ġebel li ġa kien hemm! Kien x'kien il-każ, għall-grazzja t'Alla jidher li l-Kummissjoni tal-Arti Sagra kellha aktar sens minn hekk u rrifjutat it-talba ta' Dun Gerard u f'nota inkluża mar-rikors tagħti r-raġunijiet: minkejja li huwa ċar li l-pittura ġiet imbagħbsa diversi drabi, għad hemm fiha xi partijiet mill-oriġinal u għaldaqstant qabel ma din tiġi studjata sew m'għandiex titneħħa minn postha. B'hekk l-aktar pittura antika li nsibu fil-knisja ġiet salvata milli titwarrab u probabilment tinqered. L-istudju fuqha mitlub 64 sena ilu għadu ma sarx, imma nittamaw li jsir fix-xhur li ġejjin meta tittieħed għar-restawr.

**12 ta' Frar 1960:** Mid-data li nsibu mnaqqxa fil-gwarniċ tal-koppla jidher li din ġiet inawgurata fl-1960



577

A SUA ECC.ZA REV.MA
MONS MICHELE GONZI D. D.
ARCIVESCOVO DI MALTA
etc etc

Umile ricorso di Don Gerardo Mangion, Parroco della Nicabiba.

Il ricorrente umilmente espone
che nel 1897 il Professor Filippo Venuti di Roma dipinse i quattro Evangelisti nelle lunette sottostanti la Cupola della Chiesa Parrocchiale della Nicabiba su abbozzi approvati dalla Commissione appositamente eretta nella Curia;

che durante l'ultima guerra mondiale, tre di questi Evangelisti furono totalmente distrutti siccome la Cupola crollo' a causa di bombe nemiche;

che e' desiderio del popolo della Nicabiba di ripingere gli Evangelisti a proprie spese sugli abbozzi del Professor Venuti che ancora sussistono e che sono presentati in Curia insieme a questo ricorso;

che per l'esecuzione di dette pitture verra' incaricato il pittore Giuseppe Caruana di Casal Paola che pero' non e' stato ancora avvicinato e quindi il ricorrente non e' ancora in grado di dire se egli accetti o no l'esecuzione.

Quindi il ricorrente umilmente prega l'Ecc.za Vostra Rev.ma perche' si degni accettare che gli Evangelisti vengano riprodotti sugli abbozzi del Professor Venuti e allo stesso tempo di concedergli il permesso di incaricare il signor Caruana per l'esecuzione di dette pitture.

E della grazia ecc

Don Gerardo Mangion
Parroco.

Presentato in duplicato con 4 abbozzi
il di 12 Lugl. 1960.

*Rikors għall-evanġelisti*

u għalhekk seta' jibda jsir xi xogħol ta' dekorazzjoni fiha u madwarha. L-ewwel – u l-uniku – xogħol li sar kien dak tal-**pittura tal-Evanġelisti fil-pennakki**. Ir-rikors għalihom fih xi dettalji interessanti li ma kienux magħrufa. Il-kappillan jibda biex jgħid illi l-evanġelisti l-oriġinali kienu saru fl-1897[18] minn Filippo Venuti fuq abbozzi li kienu ġew approvati mill-Kurja dak iż-żmien. Ikompli jgħid li tlieta minn dawn l-evanġelisti ġew meqruda meta waqgħet il-koppla, u li l-Imqabbin xtaqu li jerġgħu jitpittru fuq l-abbozzi li kien ħalla Venuti u li kienu għadhom jeżistu u li ġew annessi mar-rikors għall-approvazzjoni. Bħala pittur kien hemm il-ħsieb li jintażgħel Ġużeppi Caruana ta' Raħal Ġdid, li iżda skont ir-rikors kien għadu ma ġiex avviċinat. Fl-aħħar il-kappillan jitlob biex jingħata l-permess biex il-pitturi jsiru fuq l-abbozzi l-oriġinali u biex ituh il-permess ikellem lil Caruana biex jibda x-xogħol. Fil-21 ta' Ġunju l-abbozzi ġew approvati mill-ġdid u l-permess mixtieq ingħata, bil-kundizzjoni li l-evanġelista li kien fadal – San Luqa – ma jinbidilx. Dan ir-rikos jgħallimna diversi affarijiet. L-ewwel nett jidher li l-kappillan kien aktar kawt din id-darba, u talab il-permess tal-Kurja qabel kellem lill-artist... dan forsi jixħet aktar dawl fuq il-kwistjoni tal-pittura ta' San Ġużepp li ġa semmejna. It-tieni ħaġa hi li fl-aħħar, meta dawn il-pennakki tpittru fl-1961, ix-xogħol għamlu Aldo Micallef Grimaud mhux Ġużeppi Caruana. L-aħħar punt, u l-aktar wieħed importanti, hu li r-rikors jixhed li l-abbozzi l-oriġinali mhux biss kienu għadhom jeżistu, imma l-Imqabbin kienu jafu wkoll fejn kienu. Dan jgħodd ukoll għall-abbozz tal-koppla xogħol Venuti u għall-pittura ta' A. Armenopulo[19] li kienet ta' ispirazzjoni għal Venuti biex pinġa l-pittura ta' fuq il-bieb ewlieni tal-knisja. Dawn ġew ippubblikati fl-2012 u l-2013 bħala 'skoperti ġodda', meta fir-realtà sa inqas minn erbgħin sena ilu dawn kienu għadhom l-Imqabba f'dar fil-pjazza, u l-ġenerazzjoni ta' qabel tagħna kienu jafu bihom. Dawn inbiegħu t-tlieta f'daqqa għal ħmerija u dan l-aħħar inbiegħu għal prezz ferm għola fi rkant u llum jinsabu għand żewġ kollezzjonisti differenti. Hija ħasra li l-ebda kappillan ma ndenja ruħu jipprova jakkwisthom biex jinżammu fil-parroċċa. Però tajjeb ngħidu li din is-sena, grazzi għall-wirja li saret fl-okkażjoni tal-75 sena mit-telfiet tal-gwerra, dawn it-tliet abbozzi reġgħu daħlu fil-knisja tagħna għal ftit ġranet, u jien ħsibtlu biex nirregala lill-parroċċa kopja identika tagħhom bil-permess tal-proprjetarji biex jiddendlu fis-sagristija ħalli jitgawdew minn kulħadd.

**13 ta' Diċembru 1960:** rikors ieħor ġej f'isem il-Fratellanza tal-Immakulata jikkonċerna **l-gastri tal-fidda għal fuq il-bankun tal-Madonna tal-Ġilju**.



570

Presentato in duplicato con un disegno fotografato il di 13 Dicembre 1960

*Rikors għall-gastri tal-fidda tal-Immakulata*

Dun Ġużepp Xuereb, bħala prokuratur tal-Fratellanza, jikteb lill-arċisqof u jgħidlu li fl-1954 iżżanżan il-bankun mimli skultura għall-istatwa tal-Immakulata li ħa post dak ta' qablu li tkisser fil-gwerra. Jgħidlu li kien jinħass in-nuqqas tal-gastri biex fihom jitpoġġew il-fjuri li wkoll kienu nkisru fil-gwerra, u li l-fratelli xtaqu jagħmlu dal-erba' gastri tal-fidda li kellhom jinħadmu mid-ditta Cassar ta' Bormla. Flimkien mar-rikors intbagħat ritratt tad-diżinn. Fuq wara tar-rikors hemm nota mill-kappillan Mangion iddatata 28 ta' Novembru 1960 li fiha jgħid li hu ra r-rikors qabel ma ġie ppreżentat fil-Kurja u jħossu fid-dmir jinforma lill-awtoritajiet li l-erba' gastri li nqerdu fil-gwerra kienu tal-injam indurat u mhux tal-fidda, u li fihom kienu jitpoġġew fjuri artifiċjali u mhux fjuri friski kif kien jidher fid-diżinn li ġie preżentat mar-rikors. Il-kappillan ma jagħtix ġudizzju dwar dawn kellhomx isiru jew le, u jħalli f'idejn l-arċisqof. Il-Kummissjoni tal-arti approvat id-diżinn fid-9 ta' Mejju 1961 u l-permess ingħata fis-6 ta' Settembru[20].

**3 ta' Frar 1967:** l-aħħar rikors marbut mal-avvenimenti li seħħew fid-9 ta' Arpil 1942 ġej minn 25 sena wara u jitratta l-**lapida kommemorattiva li tfakkar il-konsagrazzjoni tal-artali l-ġodda li tpoġġew fil-knisja flok dawk li nqerdu**. Il-kappillan sadattant kien inbidel u laħaq dun Karm Bianco, kappillan ieħor li bħal Dun Gerard kellu jħalli ismu mnaqqax għal dejjem fl-istorja tal-parroċċa tagħna. Fir-rikors Dun Karm l-ewwel jitkellem fuq il-fjuretti li saru ġodda għall-artal maġġur u għall-vara ta' Santa Marija; fit-tieni parti jgħarraf lill-arċisqof li kellu l-ħsieb iwaħħal iskrizzjoni fuq l-irħam ma' wieħed mill-pilastri biex ifakkar il-konsagrazzjoni tal-artali li saret fit-8 ta' Awwissu 1966. Din ħadet post iskrizzjoni aktar antika li kienet twaħħlet hemm meta tbierku l-artali l-ġodda fl-1910; il-lapida l-antika twaħħlet fl-oratorju żgħir li hemm fis-sagristija[21]. Il-permess għal dawn l-affarijiet ingħata fid-9 ta' Frar[22].

B'hekk, grazzi għal dawn id-dokumenti arkivjati fil-Kurja, tajna ħarsa panoramika lejn ix-xogħol bla waqfien li sar fl-ewwel 25 sena wara l-qerda tal-knisja parrokkjali tal-Assunta. Naturalment hemm ħafna xogħol ieħor li sar li għalih ir-rikorsi ma nstabux jew ma sarux, imma l-aktar affarijiet importanti huma kollha msemmijin hawn, u issa nafu wkoll id-dati meta saru, kemm swew flus u l-ħsieb li kien hemm warajhom. Jalla fuq l-eżempju ta' missirijietna li dejjem ftakru fil-knisja parrokkjali tagħhom – anke meta huma stess kienu tilfu kollox – aħna wkoll nitgħallmu nieħdu ħsieb il-patrimonju li ħallewnla bl-għaraq ta' xbinhom, u jalla bħalhom ma nixxaħħux fejn tidħol il-knisja tagħna biex nieħdu ħsiebha u nkomplu nsebbħuha.

**Referenzi:**

1 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta (AAM), Suppliche 293 (1944/1) f. 293.

2 AAM, Suppliche 298 (1945/III), f. 511.

3 AAM, Suppliche 299 (1946/I), f. 132.

4 AAM, Suppliche 300 (1946/II), f. 227.

5 AAM, Suppliche 303 (1947/II), f. 276.

6 AAM, Suppliche 305 (1948/I) f. 66. Sfortunatament l-abbozz ma kienx jinsab mar-rikors.

7 Paolo Nani ma kienx *Maestro di Cappella* fl-Imqabba għax fiż-żmien li qed nitkellmu dwaru l-*maestro di cappella* tal-festa titulari u tal-Milied kien Vincent Bugeja, waqt dak tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju kien Frankie Diacono. Nani kien *maestro di cappella* f'parroċċi oħra; l-antenat tiegħu li kellu l-istess isem għamel xi żmien *maestro di cappella* fl-Imqabba.

8 AAM, Suppliche 305 (1948/I) f. 172B.

9 AAM, Suppliche 307 (1948/III) f. 470.

10 AAM, Suppliche 307 (1948/III) f. 535.

11 AAM, Suppliche 308 (1949/1) f. 70

12 Qabel l-1949 kien magħruf bħala *tal-infetti* jew *tal-mejtin*. Aktar informazzjoni dwar l-istorja ta' dan iċ-ċimiterju tinsab fl-artiklu li kont ktibt jien fl-2011 meta l-kappella tiegħu għalqet mitt sena. (Jonathan Farrugia, *Mitt sena mit-tberik u l-inawgurazzjoni tal-knisja tan-Nazzarenu fl-Imqabba*, Programm tal-Festa ta' Santa Marija 2011, Malta, 139-151)

13 AAM, Suppliche 313 (1950/III), f. 662.

14 AAM, Suppliche 323 (1953/III), f. 453. Ma nafx għala dan ir-rikors jinsab fil-ktieb tas-sena 1953 flok tal-1952.

15 AAM, Suppliche 319 (1952/III), f. 375.

16 AAM, Suppliche 320 (1952/IV), f. 625.

17 AAM, Suppliche 323 (1953/III), f. 496.

18 Dan huwa żball għax fil-fatt kienu saru fl-1896.

19 Nota żgħira fuq din il-pittura: A. Armenopulo iffirma fuqha bħala *pittore de SS Leon XIII*. Waqt li l-isem tal-artist jagħti l-impressjoni li hu Grieg, il-kliem tal-firma jidhru li huma bl-Ispanjol. Il-punt importanti li jgħaqqad din il-pittura ma' dik ta' Venuti li tinsab fuq il-bieb tal-knisja huwa l-fatt li kemm Armenopulo kif ukoll Venuti kienu t-tnejn jaħdmu Ruma bħala pitturi tal-Papa Ljun XIII. Dwar Armenopulo dan nifhmuh minn din il-firma, dwar Venuti wrejt tajjeb jien fl-artiklu tiegħi tal-2006. Għalhekk nistgħu ngħidu fiċ-ċert li ż-żewġ artisti kienu jafu lil xulxin u forsi kienu wkoll kollegi u ħbieb. Venuti għamel xi snin jgħix Malta u, skont Julie Ghigo, kien ikun spiss l-Imqabba għand Dun Lawrenz Zammit u għand Dun Salv Schembri. Jista' jagħti l-każ li Armenopulo kien mistieden minn Venuti jiġi jqatta' l-btajjel hawn Malta għandu u kien hu li introduċieh lil das-saċerdoti Mqabbin? Jekk hu hekk dan jispjega kif din il-pittura tinsab Malta, kif ntużat minn Venuti bħala ispirazzjoni għall-pittura kbira tal-faċċata interna tal-knisja u nifhmu wkoll kif din tħalliet dejjem mal-oħrajn fl-Imqabba sakemm inbiegħet inqas minn 40 sena ilu.

20 AAM, Suppliche 352 (1961/III), f. 570.

21 Din illum tinsab mgħottija bi gwardarobba għall-pjaneti li kienet saret minn Dun Nazzareno Caruana.

22 AAM, Suppliche 373 (1967/I), f. 89.